

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 754/2014****tal-11 ta' Lulju 2014****dwar iċ-ċaħda tal-awtorizzazzjoni ta' *Pediococcus pentosaceus* (NCIMB 30068) u *Pediococcus pentosaceus* (NCIMB 30044) bħala addittivi fl-għalf****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar l-addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jistabbilixxi l-awtorizzazzjoni ta' addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali u r-raġunijiet u l-proċeduri għall-għoti jew għar-rifjut ta' din l-awtorizzazzjoni. L-Artikolu 10(7) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, flimkien mal-Artikolu 10(1) sa (4) tiegħu, jistipula d-dispożizzjonijiet speċifiċi għall-evalwazzjoni tal-prodotti li kienu jintużaw bħala addittivi tas-silaġġ fl-Unjoni dakinhar li daħal fis-seħħ dak ir-Regolament.
- (2) Skont l-Artikolu 10(7) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, il-*Pediococcus pentosaceus* (NCIMB 30068) u l-*Pediococcus pentosaceus* (NCIMB 30044), li qabel kien imsejjaħ *Lactococcus lactis* (NCIMB 30044), kienu ddaħħlu fir-Reġistru tal-Addittivi tal-Għalf bħala addittivi tal-għalf għall-ispeċijiet tal-annimali kollha.
- (3) Skont l-Artikolu 10(2) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, flimkien mal-Artikolu 7 tiegħu, tressqu applikazzjonijiet biex il-*Pediococcus pentosaceus* (NCIMB 30068) u l-*Pediococcus pentosaceus* (NCIMB 30044) jiġu awtorizzati bħala addittivi tal-għalf għal kull speċi tal-annimali, u ntab li dawn l-addittivi jiġu klassifikati fil-kategorija tal-“addittivi teknoloġiċi” u fil-grupp funzjonali tal-“addittivi tas-silaġġ”. Dawk l-applikazzjonijiet tressqu magħhom id-dettalji u d-dokumenti meħtieġa skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.
- (4) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (“l-Awtorità”) ikkonkludiet fl-opinjoni tagħha tas-6 ta' Marzu 2014 <sup>(2)</sup> li l-*Pediococcus pentosaceus* (NCIMB 30068) u l-*Pediococcus pentosaceus* (NCIMB 30044) huma reżistenti għat-tetraċiklina, li hija antibijotiku użat fil-mediċina umana u veterinarja.
- (5) It-tagħrif disponibbli ma jippermettix l-esklużjoni tar-riskju li l-*Pediococcus pentosaceus* (NCIMB 30068) u l-*Pediococcus pentosaceus* (NCIMB 30044) jistgħu jinfirxu fost mikroorganismi oħra li huma reżistenti għal dak l-antibijotiku. Għaldaqstant, ma ġiex stabbilit li l-*Pediococcus pentosaceus* (NCIMB 30068) u l-*Pediococcus pentosaceus* (NCIMB 30044) ma jħallux effett negattiv fuq is-saħħa tal-annimali, is-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent, meta jintużaw bħala addittivi tal-għalf skont il-kundizzjonijiet proposti.
- (6) Għalhekk, il-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni, kif stipulat fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, mhux sodisfatti. Għaldaqstant, l-awtorizzazzjoni tal-*Pediococcus pentosaceus* (NCIMB 30068) u l-*Pediococcus pentosaceus* (NCIMB 30044) bħala addittivi fl-għalf għandha tiġi miċħuda.
- (7) Peress li l-użu ulterjuri tal-*Pediococcus pentosaceus* (NCIMB 30068) u l-*Pediococcus pentosaceus* (NCIMB 30044) bħala addittivi tal-għalf jista' jikkawża riskju għas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali, dawk l-addittivi tal-għalf għandhom jiġu rtirati mis-suq mill-aktar fis possibbli. B'kunsiderazzjoni ta' raġunijiet prattiċi, madankollu, huwa neċessarju li l-partijiet interessati jingħatalhom perjodu ta' żmien li matulu jistgħu jintużaw il-ħażniet eżistenti tas-silaġġ prodotti b'dawk l-addittivi tal-għalf.
- (8) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

<sup>(1)</sup> ĠUL 268, 18.10.2003, p. 29.<sup>(2)</sup> EFSA Journal 2014; 12(3):3609 u EFSA Journal 2014; 12(3):3610.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Ċaħda tal-awtorizzazzjoni**

L-awtorizzazzjoni tal-*Pediococcus pentosaceus* (NCIMB 30068) u l-*Pediococcus pentosaceus* (NCIMB 30044) bħala addittivi tal-għalf għandha tiġi miċħuda.

*Artikolu 2*

**Miżuri tranżitorji**

1. Il-ħażniet eżistenti ta' *Pediococcus pentosaceus* (NCIMB 30068) u *Pediococcus pentosaceus* (NCIMB 30044) u taħlitiet lesti minn qabel li jinkludhom għandhom jitneħħew mis-suq mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 2014.
2. Is-silaġġ prodott bil-*Pediococcus pentosaceus* (NCIMB 30068) u l-*Pediococcus pentosaceus* (NCIMB 30044) jew bit-taħlitiet lesti minn qabel li jinkludhom qabel l-1 ta' Awwissu 2014 jista' jintuża sakemm jspiċċaw il-ħażniet.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Lulju 2014.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

---